MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' April, 2008

Avviz Numru. 235/2006

**Anthony Cachia**

**Vs**

**Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela bhala stralcjarji tal-kumpanija Sea Malta Co. Ltd.**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar is-sebgha (7) t'Awissu 2006 fejn talab lil din il-Qorti tghid 'l ghaliex m'ghandhomx il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf disa mija u hamsa u sittin lira Maltin (LM 1,965) rapprezentanti hlas ta' *notice u redundancy terminal benefit* spettanti lill-attur in segwitu tat-tmiem t'impieg tal-attur minn mal-kumpanija Sea Malta Co. Ltd fl-ahhar ta' Dicembru tas-sena 2005.

Ai finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' hamest elef lira Maltin (LM5000).

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Andrew Chetcuti Ganado fil-kwalita tieghu bhala stralcarju tal-kumpanija Sea Malta Limited fejn eccepixxa s-segwenti:-

I. Preliminarjament n-notifika maghmula fl-ufficcju tal-Ban of Valletta p.l.c. hi minghajr effett fil-ligi billi:

a. L-eccipjenti ma huwiex qieghed jigi mharrek bhala impjegat tal-Bank izda bhala stralcarju w ghalhekk ghandu jigi notifikat skond il-ligi fl-indirizz li hemm notifikat lir-registratur tal-kumpaniji u li huwa faacilment accessibli lill-attur.

b. L-istralcarju l-iehor ghandu jigi notifikat individwalment u dan ukoll fl-indirizz li hemm notifikat lir-registratur tal-kumpaniji u li huwa facilment accessibli lill-attur.

2. Fil-mertu jigi eccepit li, ghalkemm l-ammont mitlub mill-esponent (minghajr imghaxijiet) m'huwiex kontestat, l-eccipjenti ma jistghux jigu kkundannati jhalsu u dan stante li trattandosi ta' kumpaniji 'n likwidazzjoni, il-hlas lill-kredituri jista jsir biss wara li jkunu gew realizzati l-assi kollha u wara li tkun saret skema ta' distribuzzjoni bejn id-diversi kredituri. Jinghad ukoll li l-kanonizazzjoni ta' kreditu permezz ta' sentenza mhiex mehtiega f'kaz ta' likwidazzjoni ghaliex l-likwidaturi ghandhom obbligu li jiddeciedu dwar it-talbiet tal-kredituri. F'dan il-kaz l-likwidaturi gia qablu mat-talba tal-atturi, izda ghar-ragunijiet premessi, huma prekluzi milli jaghmlu hlasijiet.

3. It-talba ghal imghaxijiet hija ukoll kontestata billi l-imghaxijiet ma jiddekorrux kontra kumpanija fi stat ta' falliment.

4. Illi l-ispejjez tal-kawza huma wkoll kontestati u dan ghaliex, stante il-procedura ta' likwidazzjoni u l-ammissjoni dwar l-ammont precedentement maghmula mill-likwidaturi, din il-procedura hi zejda u mhux mehtiega u/jew rikjesta mill-ligi w ghandha l-iskop biss li zzid l-ispejjez fuq il-likwidaturi. Ghaldaqstant, il-likwidaturi m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2007 deher Dr. John Refalo li ta ruhu notifikat ghall-konvenut John Abela fil-kwalita tieghu ta' stralcarju w ghamel referenza ghan-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Dr. Andrew Chetcuti Ganado nomine w assocja ruhu fid-dawl ta' dawk l-ecezzjonijiet billi ghamilhom tieghu.

Illi nhar l-ghoxrin (20) ta' Novembru 2007 xehed **John Abela** fil-kapacita tieghu ta' stralcarju tas-socjeta Sea Malta fuq domanda tar-rikorrenti. Huwa kkonferma li l-ammont mitlub mir-rikorrenti fir-rikors promotur fl-ammont ta' elf disgha mia hamsa w sittin lira Maltin (LM1,965) hija kollha dovuta lilu. Spjega u qal li fil-*creditors reports* li huma hargu fid-disgha (9) t'Ottubru 2007, l-istess attur Anthony Cachia jidher bhala wiehed mill-kredituri tas-socjeta Sea Malta fl-ammont mitlub fir-rikors. Huwa esebixxa kopja ta' dan ir-rapport li gie mmarkat bhala Dok. 'Z'. Ikkonferma li dan ir-rapport hareg waqt *meeting* li huma ghamlu mal-kredituri w ghal din il-laqgha, l-attur kien prezenti. Din il-laqgha nzammet f'April 2004. Jghid li effettivament l-ammont mitlub kien diga rikonoxxut, u r-rikorrenti kien jaf dan.

Mistoqsi ghaliex s-socjeta konvenuta ma halsitux, jghid li huma qedin jistennew sentenza li kellha tinghata dwar il-konkors tal-kredituri u huma kienu lesti li jghamlu l-hlas skond il-gradazzjoni ordnata mill-Qorti.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Dicembru 2007 xehed **Joseph Bugeja** prodott mill-konvenut nomine. Ikkonferma li fit-tnejn (2) t'April 2004 kien inzamm *meeting* ghall-kredituri tas-socjeta Sea Malta fejn kienu prezenti l-kredituri kollha u fosthom kien hemm ir-rikorrenti. Huwa esebixxa minuta mehuda minn din il-laqgha anzi l-lista li ntuzat waqt l-

laqgha. Dan id-dokument gie markat bhala Dok. CSH. Esebixxa wkoll ittra mehuda mill-istralcarji datata tletin (30) t'April 2007 indirizzata lir-rikorrenti fejn hemm indikat li kienet qed tittiehed l-inizjattiva sabiex isir il-hlas. Huwa kkonferma wkoll li waqt id-diversi laqghat li kien hemm mizmuma, dejjem gie rikonoxxut li r-rikorrenti ghandu jiehu l-ammont minnu mitlub fir-rikors promotur.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tikkoncerna kreditu li ghandu l-attur fil-konfront ta-socjeta Sea Malta, liema kreditu jirrapprezenta hlas ta' *notice* u *redundancy terminal benefit* spettanti lilu minn din l-istess socjeta li llum tinsab f'likwidazzjoni. Jirrizulta mix-xhieda prodotta w appuntu kemm mill-istralcarju John Abela kif ukoll mix-xhieda ta Joseph Bugeja, li l-kreditu li qed jippretendi l-attur huwa dovut.

Il-konvenuti pero jsostnu li huma ma jistghux jaffettwaw il-hlas peress illi qedin jistennew kif ghandha issir l-gradazzjoni b'sentenza mill-Qorti w ghalhekk jghidu li l-attur ma messu qatt ipprezenta din il-kawza. Il-konvenuti jghidu wkoll li l-attur kien jaf li l-kreditu tieghu kien rikonoxxut qabel ma giet prezentata l-kawza odjerna w ghalhekk ghandu jbati hu l-ispejjez taghha.

Jirrizulta bla dubbju li f'laqgha li nzammet nhar it-tnejn (2) t'April 2007 li l-kreditu ta' l-attur kien qed jigi rikonoxxut kif jirrizulta mid-Dok. CSH esebit mix-xhud prodott mill-konvenuti Joseph Bugeja. Dan id-dokument kien fil-fatt gie moghti lil kredituri kollha li kienu prezenti ghal din il-laqgha u l-attur kien wiehed minnhom. In segwitu l-attur kien ukoll ircieva ittra minghand l-istralcarji tas-socjeta konvenuta datata tletin (30) t'April 2007 fejn kien gie nfurmat li huma kienu rrikonoxxu li kellu dritt li jithallas ta' dak lilu dovut w ghalhekk kienu ser jghamlu xi hlasijiet. Gara li fid-disgha (9) t'Ottubru 2007 l-attur kien prezenti ghall-laqgha ohra mizmuma mill-istralcarji u gie konfermat li l-kreditu tieghu kien qed jigi rikonoxxut minnhom kif del resto jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti a fol 68 et seq, pero dan nonostante il-hlas effettiv ma sarx.

Kien ghalhekk li l-attur ipproceda w ipprezenta l-kawza odjerna.

Illi l-fatti tal-kawza mhumiex kontestati bejn il-partijiet u jispetta biss lil-Qorti ghalhekk titratta l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti ghalkemm stqarrew li l-kreditu huwa dovut.

Fl-ewwel lok il-konvenut jecepixxu li l-istralcarju Dr. Andrex Chetcuti Ganado ma giex notifikat skond il-ligi u dan ghaliex l-atti gew notifikati lil fil-post tax-xoghol tieghu fil-Bank of Valletta u mhux fl-indirizz tal-kumpanija Sea Malta kif tidher fuq il-Memorandum & Articles taghha.

Bir-rispett kollu, proceduralment l-konvenut ghandu ragun pero peress li huwa pprezenta n-nota t’eccezzjonijiet tieghu fit-terminu tal-ligi, gie li huwa irrinunzja ghad-dritt tieghu li jigi notifikat fl-indirizz tas-Sea Malta u dan ghaliex accetta n-notifika li saritlu fil-Bank of Valletta w ghalhekk dwar din l-eccezzjoni l-Qorti m’ghandhiex wisq aktar xi tghid.

Dwar it-talba tal-konvenut l-iehor John Abela sabiex jigi notifikat fl-indirizz li hemm notifikat lir-registratur tal-kumpaniji, din ukoll illum tinsab sorvolata ghaliex l-istess konvenut John Abela, fil-vesti tieghu ta’ stralcarju, ha ruhu b’notifikat bl-atti w ghamel tieghu l-eccezzjonijiet tal-istralcarju l-iehor Dr. Andrew Chetcuti Ganado prezentati fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar id-disgha (9) ta’ Marzu 2007 w ghalhekk il-Qorti ser tieqaf hawn  f’dan ir-rigward.

Fit-tieni lok il-konvenuti eccepew li verament il-kreditu tal-attur huwa dovut pero peress illi hemm proceduri l-Qorti ghall-likwidazzjoni tas-socjeta sea Malta huma ma setghux jaghmlu l-hlas relattiv u fil-fehma taghhom, il-hlas tal-kredituri jista’ jsir biss wara li jkunu gew realizzati l-assi kollha u wara li tkun saret skema ta’ distribuzzjoni bejn id-diversi kredituri.

Illi ir-rispett kollu l-attur kellu kull dritt li jipprezenta din il-kawza u jikkawtela il-kreditu tieghu u dan sabiex huwa jottjeni titolu esekuttiv fuq il-kreditu tieghu u b’hekk ikun

jista’ jirregistra t-titolu tieghu fir-Registru Pubbliku ghall-eventwali hlas. Il-fatt li l-attur jinghata sentenza minn din il-Qorti fejn jigi dikjarat kreditur tas-socjeta Sea Malta, ma jfissirx li l-hlas irid isir qabel ma l-assi tas-socjeta Sea Malta jigu likwidati jew qabel ma jkun hemm il-gradazzjoni tal-kredituri w ghalhekk tali eccezzjoni qieghda tigi michuda.

Dwar it-tielet eccezzjoni l-konvenuti isostnu li l-imghaxijiet dovuti lill-attur m’ghandhomx jiddekorru kontra kumpanija fi stat ta’ fallimient.

Bir-rispett kollu l-Qorti ma taqbilx ma din l-posizjoni kif mehuda mill-konvenuti u dan ghaliex tali esposizjoni ma ssib konfort f’ebda ligi.

Dwar ir-raba u l-ahhar eccezzjoni l-konvenuti qed jecepixxu li una volta l-attur kien jaf li l-kreditu tieghu huwa rikonoxxut minnhom ma kienx hemm lok li jipprezenta din il-kawza.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-ewwel darba li l-attur sar jaf li l-kreditu tieghu huwa rikonoxxut mill-konvenut kien fil-laqgha mizmuma mill-istralcarji fl-ghoxrin (20) t’April 2007.

Issa din il-kawza giet prezentata fis-sebgha (7) t’Awissu 2006 u konsegwentement qabel ma l-attur sar jaf l-ammissjoni tal-konvenuti. Ghalhekk sewwa ghamel l-attur li pproceda b’din il-kawza u l-eccezzjoni tal-konvenuti qieghda tigi ukoll michuda.

**Ghaldaqstant l-Qorti wara li tiddecidi lli qed tilqa it-talba ta’ l-attur u tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti nomine qieghda tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur s-somma ta’ elf disa’ mija hamsa u sittin lira Maltin (LM1,965) ekwivalenti ghal erbat elef sebgha u sebghin euro u tnejn u ghoxrin centezmu Euro (€4577.22).**

**Bl-imghax skond il-ligi.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti nomine.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------